# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 546/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**JM**

**U**

**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' JM u JC, datat 10 ta' Diċembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

2. *Illi mill-istess unjoni twieled tifel, JkC, li llum il-gurnata ghandu 15-il sena.*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-4 ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) bis-sahha ta' kuntratt pubbliku redatt min-Nutar Dr Patricia Vella Haber, hawn anness u mmarkat bhala **Dok JC1** ("**Il-Kuntratt**").*

4. *Illi llum ir-rikorrenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw.*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut a favur il-partijiet stante dekadenza reciproka li tirrizulta mill-klawsola numru erbgha (4) tal-Kuntratt.*

6. *Illi l-manteniment dovut lill-wild taghhom qed jihallas regolarment u puntwalment mill-esponenti JC skont il-klawsola numru sitta (6) tal-Kuntratt.*

   *Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

   1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

   2. *Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JM** xehdet a fol 14 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Settembru 2002 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-4 t'April 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li llum-il gurnata ghandu hmistax-il sena. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JC** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda ta' JM.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Settembru 2002

(Vide certifikat taz-zwieg Dok JC2 a fol 13B), u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, li ghadu minuri;

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' April, 2013, fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber (Vide Dok JC1, a fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u l-manteniment dovut lill-wild dejjem thallas.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhomw jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**